**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 244/2024VG**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 2026/2013 fl-ismijiet:**

**Mar Stef & Co. Limited u Stephan u Maria konjuġi Schaerrer**

**Vs**

**Mario Grixti u Dolores Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Mario Grixti fil-31 ta' Ottubru 2024 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tħassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2026/2013 fl-ismijiet "MarStef & Co. Limited u Stephan u Maria konjuġi Schaerrer v. Mario Grixti u Dolores Vella Grixti", u dana ai termini ta' l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż kontra l-intimati f'dawn il-proċeduri;

Rat il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet "MarStef & Co. Limited u Stephan u Maria konjugi Schaerrer v. Mario Grixti u Dolores Vella Grixti" bin-Numru 2026/2013;

Rat illi l-intimati ġew notifikati bir-Rikors imsemmi permezz tal-proċedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni iżda naqsu milli jippreżentaw Risposta entro t-terminu lilhom prefiss;

Rat id-dokumenti markati Dok. "MG1" esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota ippreżentata fil-25 ta' Marzu 2025;

Rat l-Artikoli 836(1) u 838B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-proċeduri;

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2024, ir-Rikorrent Mario Grixti jitlob li ai termini ta' l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tħassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2026/2013 fl-ismijiet "MarStef & Co. Limited u Stephan u Maria konjuġi Schaerrer v. Mario Grixti u Dolores Vella Grixti".

It-talba għat-tħassir u revoka ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju qed issir minn Mario Grixti biss għar-raġuni li l-istess Mandat kien ġie revokat fil-konfront ta' Dolores Vella Grixti permezz ta' Kontro-Mandat bin-Numru 1608/14.

Ir-Rikorrent jibbaża t-talba tiegħu għat-tħassir u revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2026/2013 fuq dak dispost fl-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi *l-pretensjoni a bażi ta' liema s-sekwestranti talbu għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru odjern huwa ammont li eventwalment ġie imħallas fl-intier tiegħu snin ilu mis-sekwestrat Mario Grixti, iżda għal xi raġuni, dan il-mandat baqa' qatt ma tneħħa. Illi l-esponenti sar jaf biss li dan il-mandat għadu fis-seħħ meta huwa mar saibex japplika għal faċilità bankarji tiegħu fil-ġimgħat li għaddew.*

L-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: ... (f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Permezz ta' Nota ppreżentata fil-25 ta' Marzu 2025, ir-Rikorrent esebixxa vera kopja ta' l-atti proċesswali tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mario Grixti". Ir-Rikorrent, imputat f'dawk il-proċeduri, kien ġie mixli talli *f'Settembru 2013 u fix-xhur u s-snin ta' qabel approrpjati ruħek, billi dawwart bi profit għalik jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioè s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Patrick k/a Stephan Schaerrer u Maria Schaerrer fil-kapaċità tagħhom personali kif ukoll fil-kapaċità tagħhom bħala Diretturi tas-soċjetà Mar Stef & Co. Limited (C-41273), ai termini ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Mill-verbali tas-seduti miżmuma tul is-smigħ ta' tali proċeduri kriminali, jirriżulta li r-Rikorrent - kif ingħad, imputat f'dawk il-proċeduri - effettwa żewġ pagamenti akkont ta' €1,000 il-wieħed[1] u finalment ħallas dak minnu dovut lill-vittmi f'dawk

[1] Vide verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2015 u tas-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2016.

il-proċeduri, ossia Patrick magħruf bħala Stephan Schaerrer u Maria Scherrer f'isimhom personali u bħala Diretturi tas-soċjetà Mar Stef Co. Limited - intimati f'dawn il-proċeduri - a saldu ta' kull pretensjoni taghhom, u dana kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta miżmuma fit-12 ta' Marzu 2018.

Minn dawn id-dokumenti, li ma ġew ikkontestati bl-ebda mod mill-intimati, illi għada li notifikati b'dawn il-proċeduri permezz tal-proċedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ma ppreżentawx Risposta entro t-terminu lilhom prefiss, jirriżulta li r-Rikorrent effettivament ħallashom a saldu ta' kull pretensjoni tagħhom fil-konfront tiegħu. Isegwi għalhekk li minn dakinhar li ġie effettwat tali pagament a saldu, jidher li ma kienx hemm raġunijiet validi in bażi għal liema l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2026/13, li nħareġ in kawtela tas-somma ta' €5,320 u bl-imgħax u l-ispejjeż riservati, jibqa' fis-seħħ.

Il-Qorti però tħoss li għandha tmur pass oltre minnhekk stante li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2026/2013 ġie ppreżentat kontestwalment ma' proċeduri ċivili fil-konfront tar-Rikorrent u Dolores Vella Grixti, u t-talba għat-tħassir u revoka ta' l-imsemmi Mandat Kawtelatorju qed issir biss f'dawn l-aħħar żminijiet. In effetti l-Qorti tħoss li għandha taċċerta ruħha li dan il-Mandat Kawtelatorju ma ġiex reż eżekuttiv fl-eventwalità ta' ġudikat f'dawk il-proċeduri, għaliex altrimenti t-talba odjerna tar-Rikorrent ma tkunx tista' tiġi milqugħa.

Minn verifika li għamlet il-Qorti stess jirriżulta li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2026/2013 ġie ppreżentat kontestwalment mal-proċeduri fl-ismijiet "MarStef & Co. Limited u Stephan u Maria konjuġi Schaerrer v. Mario Grixti u Dolores Vella Grixti" Avviż Nru. 266/2013. Dawn il-proċeduri ġew deċiżi favur l-atturi permezz ta' sentenza pronunċjata fis-27 ta' Ġunju 2014 u ma jidhirx li ġie ntavolat appell minnha. Għaldaqstant illum il-proċeduri in kwistjoni huma *res judicata* u fiċ-ċirkostanzi neċessarjament irid jiġi kkunsidrat dak provdut fl-Artikolu 838B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 838B(1)(2)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien meta ġiet pronunċjata s-sentenza imsemmija, kien jipprovdi li: *(1) Sakemm ma jiġix imħassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li toħroġ il-mandat,* ***kull mandat kawtelatorju għandu jibqa' fis-seħħ sa ħmistax-il ġurnata wara li l-kawża tgħaddi f'ġudikat***[2]*. (2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), mandati kawtelatorji maħruġin skont l-artikolu 830(1) isiru eżekuttivi wara li kawża tgħaddi f'ġudikat jew meta, skont l-artikolu 166B, dik l-ittra uffiċjali ssir titolu eżekuttiv, b'dan illi: (a) fil-każ ta' mandat maħruġ skont l-artikolu 830(1)(b), (ċ), (d) u (f), il-kreditur għandu jippreżenta nota fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata minn meta l-kawża tkun għaddiet f'ġudikat fl-atti ta' l-istess mandat u jitlob li jestendi jew inaqqas l-effetti tal-mandat għas-somma ekwivalenti għall-ispejjeż legali, l-imgħaxijiet u s-sorte skont is-sentenza, liema nota għandha tiġi notifikata lid-debitur, u dawk kollha li għandhom interess.*

[2] Enfasi tal-Qorti.

Minn verifika li saret mill-Qorti ma jirriżultax li l-atturi fil-proċeduri ċivili msemmija iktar 'l fuq segwew il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 838B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant, in linea ma' dak provdut fis-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2026/2013 illum ma għadux iktar fis-seħħ.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talba tar-Rikorrent u konsegwenement tħassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet "MarStef & Co. Limited u Stephan u Maria konjuġi Schaerrer v. Mario Grixti u Dolores Vella Grixti" bin-Numru 2026/2013 u tordna l-ħruġ tal-Kontro-Mandat relattiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk relattivi għall-ħruġ tal-Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet "MarStef & Co. Limited u Stephan u Maria konjuġi Schaerrer v. Mario Grixti u Dolores Vella Grixti" bin-Numru 2026/2013, għandhom jiġu sopportati interament mill-intimati.

**Mogħti llum 27 ta' Marzu 2025**

**MAĠISTRAT**